# MINUTI

## Laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn

## Laqgħa Nru. *17/2016*

Data: It-Tlieta 31 ta' Mejju 2016

Hin: Fis-6.00 ta' filgħaxija

Post: Fil-Bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ

---

Preżenti:
*Is-Sinjura Marija Saliba – Chairperson*
*Is-Sur Frank Fenech – Deputat Chairperson*
*Is-Sinjura Sandra Grech – Membru*
*Is-Sur Martin Cefai – Membru*
*Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba – Ex Officio*

*Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva*

Skużati: *Is-Sur Simon Salomone Reynaud – Membru*

Assenti:

---

## AĠENDA

1. Talba;
2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti bin-nru. 16/2016;
3. Punti mqajma mill-Minuti bin-nru. 16/2016;
4. Korrispondenza;
5. Ilmenti u Suġġerimenti;
6. Materja oħra;
7. Aġġornament.

**Minuti –** ***KAM 16/2016***

Ippresjediet il-laqgħa ċ-Chairperson is-Sinjura Marija Saliba.

## 1. Talba

1.1 Intqalet talba miċ-Chairperson u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 2. Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa bin-nru. 16/2016

2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 16/2016 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

2.2 Iċ-Chairperson talbet għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

2.3 Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

2.4 Iċ-Chairperson talbet għall-approvazzjoni tal-minuti kif ippreżentata u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 3. Punti mqajma mill-Minuti Laqgħa bin-nru. 16/2016

3.1 Dwar l-ATM tal-BOV ta' Triq il-Port, is-Sindku qal infurmat li r-rampa ma tistax issir peress li l-post huwa mikri lill-Bank u allura ma tistax tintmess l-istruttura tal-post u minbarra hekk, ir-rampa tiġi wieqfa (m' hemmx wisa' biżżejjed għat-tpendil tar-rampa).
Infurmat li għandu jsir *railing* tal-i*stainless steel* fit-taraġ.
Il-Viċi Chairperson talab lis-Sindku biex il-Bank jgħaddi din l-informazzjoni bil-miktub.

3.2 Is-Sindku staqsa dwar x' azzjoni kien ħa l-avukat tal-Kunsill dwar il-kwistjoni tal-ħajt ta' Triq il-Qbajjar.
Il-Viċi Chairperson qal l-avukat tal-Kunsill għandu jitlob lill-avukat tagħhom kopja tal-permess biex jekk hemm permess biex il-ħajt joqgħod hemm allura hu ma jarax każ fil-Qorti. Il-Kumitat qabel.

3.3 Dwar l-għassa tal-Pulizija ta' Marsalforn, is-Sur Fenech staqsa jekk kienx hemm żvilupp?
Is-Segretarja Eżekuttiva għandha tiċċekkja mas-Sur Lorry Apap tal-Ministeru għal Għawdex.

3.4 Dwar it-tqassim tal-boroż griżi lir-residenti ta' Marsalforn, iċ-Chairperson qalet xi ħadd mill-i*staff* tal-Kunsill għandu jintbagħat jumejn Marsalforn biex iqassam dawn il-boroż lil min kien għadu ma ġabarhomx.

**3.5** Dwar it-talba lill-Ministru għal Għawdex rigward il-kisi ta' Triq Sta Marija, is-Sur Fenech ippropona li tintbagħat *reminder* tal-ittra li kienet intbagħtet.

**3.6** Iċ-Chairperson issospendiet l-Aġenda biex indirizza lill-Kamra s-Sur Reno Grech dwar l-ilment tiegħu fuq is-sinjal tal-*bus stop* 'Ulisse'.

**3.7** Il-Kumitat qabel li jipproponi lil Transport Malta biex isir ċaqliq ta' dan il-*bus stop* u jitpoġġa aktar il-fuq fi Triq il-Qbajjar faċċata ta' Triq il-Forn quddiem ħajt tas-sejjieħ.

**3.8** Dwar ir-*railing* tal-Bajja tal-Qbajjar, ġie deċiż li ssir sejħa għal kwotazzjonijiet biex jinżebagħ ir-*railing*.

## 4. Korrispondenza

| **Applikazzjonijiet għall-permess tal-Kunsill Lokali** | **Deċiżjoni meħuda mill-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn** |
|---|---|
| **4.1** Victor Refalo ta' Ekxa Kiosk<br>Għal attivitajiet ta' Country Nights f' Misraħ M' Anġ Refalo f' dawn il-ġranet:<br>Ġunju '16 – 3, 4, 10, 11, 17, 18, 24 & 25<br>Lulju '16 – 1, 2, 8, 15, 16, 22 & 29<br>Awwissu '16 – 5, 6, 12, 13, 19, 20, 26 & 27<br>Settembru '16 – 2, 3, 9, 16 & 17. | Approvati.<br>Dawn il-permessi jitħallsu minn qabel. |
| **4.2** Gary Doyle ta' Glass Box Bar<br>Għal attivitajiet ta' Band f' Misraħ M' Anġ Refalo f' dawn il-ġranet:<br>Ġunju '16 – 1, 5, 8, 12, 15, 19, 22, 26 & 29<br>Lulju '16 – 3, 6, 10, 13, 20, 24, 27 & 31<br>Awwissu '16 – 3, 7, 10, 14, 17, 21, 24, 28 & 31<br>Settembru '16 – 4, 7, 11, 14, 18, 21, 25 & 28. | Approvati. |
| **4.3** JumpMalta<br>Biex torganizza divertiment għat-tfal - bouncy castle fi Triq il-Port Sajf 2016. | Approvati. |

Il-Kumitat approva kwotazzjoni ta' Refalo Signs għall-provvista u t-twaħħil ta' *bollards* galvanizzata bil-katina faċċata tal-Bajja tal-Qbajjar (stima tax-xogħol €1,132.80).

## 5. Ilmenti u Suġġerimenti

5.1 KAM 08/2016 – il-Viċi Chairperson
Ippropona li jsiru *rumble strips* quddiem Tony Pharmacy fi Triq il-Wied.
Il-Kumitat qabel li japplika ma' Transport Malta.

5.2 KAM 09/2016 – is-Sur J Zammit
Issuġġerixxa li jitpoġġa *litter bin* fi Triq Lapsi, fl-*area* fejn tieqaf il-*hop on hop off*. Talba approvata mill-Kumitat.

5.3 KAM 11/2016 – is-Sur F Galea
Talab biex titwaħħal lampa ġdida mar-residenza nru. 31 fi Triq il-Wied.
Is-Sindku qal fil-mument ma jista' jsir xejn peress li l-kwistjoni tal-lanterni ġodda għadha pendenti.

5.4 KAM 12/2016 – is-Sindku
Biex jitpoġġew erba' *litter bins* oħra fil-*car park* ta' Marsalforn.
Il-Kumitat qabel.

5.5 KAM 13/2016 – il-Viċi Sindku
Biex il-kanun li kien hemm fil-Menqa u li jinsab il-Kajselli ssir il-manutenzjoni tiegħu u jibqa' fil-lokalita`. Biex jerġa' jitpoġġa l-plier tas-sajjieda fl-inħawi tal-Otters. Ser tintbagħat *reminder* tal-ittra li kienet intbagħtet lid-Dipartiment tal-Proġetti u Żvilupp dwar dawn it-talbiet.

5.6 KAM 14/2016 – is-Sinjura C Sultana
Biex titkompla l-bankina fi Triq il-Plejju kantuniera ma Triq id-Duluri (taħt Triq ix-Xagħra) quddiem l-ewwel garaxx.
Bankina approvata li ssir.
Tiswija ta' bankina fi Triq ir-Rabat, il-bankina li tiġi kantuniera ma Triq Lapsi sa kantuniera ma Triq il-Kaptan Frank Debono. Ser ngħaddu l-ilment lil Servizz.gov peress li t-triq hija arterjali.

5.7 Il-Kumitat approva xogħol ta' traqqiegħ bil-konkos fil-Menqa; xogħol approvat li jsir minn Road Construction.

## 6. Materja Oħra

6.1 Is-Sindku qal il-*bollards* li kienu ser jinqalgħu mill-Bajja tal-Qbajjar jitwaħħlu fi Triq il-Wied fil-viċinanza tar-razzett ta' Mawru. Il-Kumitat qabel li x-xogħol isir minn Gam Gam Services.

6.2 Il-Kumitat qabel:

- li jitranġa l-aċċess għal garaxx fi Triq il-Qbajjar kantuniera ma Triq Ulisse; xogħol approvat li jsir minn Sammy Spiteri.
- tintbagħat *reminder* lill-Pulizija dwar dgħajjes imxerrda fit-toroq.
- li jitpoġġew erba' *bollards* biex ma jsirx *parking* fuq il-bankina ta' Triq l-Isqof Pace u żewġ *bollards* oħra f' Misraħ M' Anġ Refalo faċċata ta' Mellos Bar.
- li l-bnadar ta' Marsalforn jieħu ħsieb itellagħhom u jniżżilhom Rafel Saliba.
- issir funtana f' nofs il-Bajja ta' Marsalforn; tintalab stima tax-xogħol lil Galea Curmi Engineering Consultants Ltd.

6.3 Il-Viċi Chairperson irrefera għal diskors li ntqal mill-Kunsillier Carmelo Saliba f' seduta tal-Kunsill fil-konfront tal-KAM fejn huwa ddikjara li l-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn hu mmexxi minn nies sfiduċjati mill-lokalita`.

6.4 Is-Sur Fenech qal iħossu urtat u ferm dispjaċut b' tali dikjarazzjoni. Qal iħoss li lkoll fil-Kumitat dejjem għamilna d-dmir tagħna lejn il-lokalita` ta' Marsalforn.

6.5 Is-Sur Fenech qal se jikkonċedi xahar żmien biex il-Kunsillier C Saliba jagħmel apoliġija bil-miktub u fin-nuqqas ta' dan, huwa ser jiftaħ libell kontra l-Kunsillier Saliba.

6.6 Dwar il-bankina ta' quddiem Electra Guesthouse, iċ-Chairperson ipproponiet li fil-bankina jintuża madum antik milli kien hemm qabel (jitwaħħlu erba' fjuriet).

6.7 Is-Sindku qal hu m' għandu xejn kontra l-bankina tal-Electra pero` kull fejn inbidlu l-bankini, inqalgħu l-bankini ta' kulħadd inkluż bankini ġodda.

6.8 Iċ-Chairperson ressqet il-proposta tagħha għall-vot.

Favur – iċ-Chairperson M Saliba
il-Viċi Chairperson F Fenech
is-Sinjura S Grech

Kontra – Is-Sur M Cefai

Astensjonijiet – Xejn.

Il-proposta taċ-Chairperson għaddiet.

## 7. Aġġornament.

**7.1** Il-laqgħa ntemmet fid-8.45 ta' filgħaxija. Il-Kumitat aġġorna s-seduta għat-Tlieta 12 ta' Lulju 2016 fis-6.00 ta filgħaxija.

IFFIRMATA

***Marija Saliba***
*Chairperson*

IFFIRMATA

***Diane Tagliaferro***
*Segretarja Eżekuttiva*

Data: 12 ta' Lulju 2016